2025/1193

2.7.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/1193

tal-25 ta' April 2025

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 242/2008 [1] dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (il-"Ftehim"). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2008.

(2) L-aħħar Protokoll li jimplimenta l-Ftehim skada fil-31 ta' Lulju 2024.

(3) Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (il-"Kosta tal-Avorju") bl-għan li jiġi stabbilit Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar, fil-21 ta' Novembru 2024, tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) (il-"Protokoll").

(4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1194 il-Kunsill [2], il-Protokoll ġie ffirmat fis-6 ta' Ġunju 2025, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'dak aktar tard.

(5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

(6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-aktar fis possibbli minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

(7) Il-Protokoll se jibda japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikunu jistgħu jitkomplew l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik l-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) 25 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja:	14-il bastiment
Franza:	11-il bastiment;

(b) 7 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ:

Spanja:	5 bastimenti
Il-Portugall:	2 bastimenti.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 242/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Kosta ta' l-Avorju, min-naħa l-oħra (ĠU L 75, 18.3.2008, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/242/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1194 tal-25 ta' April 2025 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) (ĠU L, 2025/1194, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1194/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-6 ta' Ġunju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' April 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA